# IL-LETTERATURA U S-SOĊJETÀ

Studju dijakroniku tal-ħsieb estetiku Malti

---

Josette Attard

## Daħla

Terry Eagleton tistqarr li ebda test ma jirrifletti jew ifisser kunċetti ideoloġiċi tar-realtà soċjali, iżda x-xogħlijiet letterarji nnifishom huma prodotti ta' din ir-realtà.[1] Din l-istqarrija trid tittieħed fid-dawl tat-teorija letterarja Marxista u għalhekk ir-relazzjoni tal-letteratura mas-soċjetà hi ppreżentata minn aspett wieħed biss. Din it-tema kienet mistħarrġa f'epoki differenti skond ix-xejriet tal-ħsieb ta' l-epoka u għalhekk ħarġu teoriji diversi minn kittieba ewlenin skond it-twemmin tagħhom. L-istess ġara fil-każ tal-Maltin. Il-letteratura f'relazzjoni mas-soċjetà ħadet sfumaturi differenti li jvarjaw mill-klassiku, għar-romantiku u għal teoriji moderni aktar riċenti.

## Is-Seklu dsatax

Dan is-seklu hu kkaratterizzat minn kitbiet dwar il-letteratura li jpoġġuha f'dawl neo-klassiku u romantiku. Il-kittieba ewlenin Nicola Zammit, ĠanAnton Vassallo u Salvatore Castaldi, sieħbu l-letteratura mal-poplu, mal-ħajja, mal-gost u mat-tagħlim. Kemm id-definizzjoni kif ukoll il-funzjoni tal-letteratura juru rabta diretta u sħiħa mas-soċjetà.

---

[1] G. Graham, *Philosophy of the Arts - An Introduction to Aesthetics*, Routledge, London, 1997, p. 163.

Il-letteratura tista' tintrabat mal-ġrajja ta' nazzjon għax bħall-politika u l-morali hija kopja ta' l-iżvilupp nazzjonali.[2] It-tliet elementi tat-tagħlim, tas-sentiment u tan-nazzjonaliżmu mħaddna fid-definizzjoni ta' Zammit huma lkoll aspetti tal-kultura romantika.[3] L-idea li l-letteratura għandha twassal xi tagħlim morali hi żviluppata aktar minn kif żviluppaha ĠanAnton Vassallo kemm fil-kitbiet estetiċi kif ukoll fix-xogħlijiet poetiċi tiegħu.[4] Id-definizzjoni romantika tal-letteratura skond Zammit tesprimi l-istess xejriet li fissru kittieba oħra fil-kontinent[5] filwaqt li tirreferi wkoll għar-romantiċiżmu storiku-nazzjonali li sab xorti kbira fost il-kittieba Taljani. Il-letteratura hi mezz biex tfakkar il-mixja nazzjonali bil-ġrajjiet storiċi ewlenin u fl-isfond Malti dan kollu kien ifisser ukoll il-ħtieġa għat-tiftixa ta' l-identità nazzjonali. Permezz tal-letteratura l-poplu jerġa' jġarrab dawn il-mumenti fl-istorja tal-pajjiż ukoll jekk dawn huma mbiegħda.[6] Għalhekk il-letteratura jeħtiġilha tirrifletti t-tendenzi skond iż-żmien waqt li l-ħajja nnifisha tagħti lok għall-ispirazzjoni kontinwa. Dan kollu ma jfissirx li l-letteratura titlef il-karattru universali tagħha, anzi trid iżomm bilanċ bejn dak li hu partikulari u dak li hu universali: hi l-mogħdija li mill-partikulari twassal għall-universali.[7]

---

[2] N. Zammit, 'Letteratura', *L'Arte*, anno 2, numero 30, 7/2/1864, p.8. Din l-idea taqbel ma' l-idea tal-letteratura mfissra minn Dun Karm fil-bidu tas-seklu għoxrin meta sejħilha 'awtobijografija ta' nazzjon.' (Cfr. C. Psaila, 'Taħdita fuq il-Poeżija Maltija,' *Leħen il-Malti*, sena 29, numru 1, 1960, p.2).

[3] Ibid., p. 8.

[4] In-nisel ta' dan il-prinċipju jinsab fl-epoka klassika sewwa sew malli Platun sieħeb il-moralità ma' l-arti. Il-mużika, il-pittura u l-poeżija kellhom funzjoni soċjali għalih. Il-ġustifikazzjoni għall-eżistenza tagħhom tinsab fl-effett li jħalli fuq l-udjenza. Hawnhekk jidħol il-kunċett tal-gost estetiku li miegħu Platun isemmi wkoll l-emozzjonijiet għax minħabba li l-letteratura hi rappreżentazzjoni emottiva, tista' tqanqal l-istess emozzjonijiet fl-udjenza. Dawn jaffettwaw l-imġieba u l-karattru tal-poplu. (Cfr. M.C. Beardsley, *Aesthetics from Classical Greece to the Present*, U.S.A. Universtiy of Alabama Press, 1966/1991, p.48).

[5] N. Zammit, 'Letteratura,' loc. cit., p. 8.

[6] Ibid., p.8.

[7] Ibid., p. 8.

Skond Nicola Zammit il-letteratura tirrifletti t-tendenzi taż-żmien u tal-ħajja.[8] Tixrob kontinwament minn dawn iż-żewġ għejjun ta' ispirazzjoni li jpaxxu l-qalb u jiżviluppaw l-intellett[9] u waqt li tolqot dawn iż-żewġ fakultajiet umani, tilħaq livell universali għax tiġbor f'armonija l-fehmiet kollha. Il-kwalità universali li tagħti valur kbir lil-letteratura toħloq progress ċivili. Minn din id-definizzjoni joħroġ l-għan soċjali li jista' jkollha: 'La letteratura... è un vasto impero che si vede guadagnar sempre più un'importanza sociale...'[10] Iżda din l-importanza soċjali jeħtieġ li tkun imsejsa fuq in-natura magħġuna kemm bis-sentiment kif ukoll bir-raġuni.[11] Bl-għaqda tal-ħsibijiet, tas-sentiment u ta' l-interessi, il-letteratura tippreżenta l-iżvilupp progressiv skond iż-żmien. Il-bilanċ bejn dawn it-tliet kwalitajiet hu r-riżultat ta' letteratura mibnija fuq it-tliet ideat klassiċi tas-Sabiħ, tal-Veru u ta' l-Utli. Zammit isostni l-istess idea meta jgħid li l-letteratura sservi ta' ħolqa bejn l-arti u l-ħajja meta tqanqal il-moħħ kif ukoll il-qalb.[12] Għalhekk trid tagħraf kif tirrifletti l-ħajja biex tirnexxi fil-missjoni soċjali tagħha.[13]

---

[8]Ibid., p. 8; Idem., *Discorso per l'apertura della società maltese di scienze e lettere*, Malta, 1864, pp.8-9, 13, 30, 32.

[9] Idem., 'Letteratura,' loc. cit., p. 8.

[10] Ibid., p. 8.

[11] Ibid., p. 8. Skond ix-xejra li Zammit jagħti lid-definizzjoni tal-letteratura, hemm aspetti li jistgħu jitqabblu ma' xi ideat leopardjani. Waqt li Zammit ifittex bilanċ bejn is-sentiment u r-raġuni, Leopardi jqis ir-raġuni bħala l-għadu ewlieni tal-letteratura mibnija fuq l-imitazzjoni tan-natura bħala forza primarja. Ir-raġuni, li l-istrument tagħha hu l-matematika, tkejjel il-gost meta m'hemmx bżonn, tillimita l-pjaċir u tanalizzah. Il-lingwaġġ tar-raġuni hu xott, il-lingwaġġ ta' l-arti hu ħieles u mimli ħeġġa. Dan juri li n-natura u r-raġuni jopponu 'l xulxin iżda ma jeliminawx lil xulxin. It-tema tar-raġuni f'konfront man-natura hi waħda mit-temi ewlenin fil-ħsieb leopardjan. (Cfr. R. Ricciardi (ed.), 'Discorso di un italiano intorno alla poesia romantica', *Giacomo Leopardi - Opere*, Vol.52, Tomo 1, Milano - Napoli, 1961, pp. 787-788).

[12] Ibid., p. 8.

[13] Idem., *Discorso per l'apertura...* loc. cit., p. 32. Jidher ċar li d-definizzjoni ta' Zammit hija romantika speċjalment meta rabat ix-xjenza mal-letteratura skond it-tradizzjoni romantika u saħaq aktar fuq il-kontenut milli fuq il-forma.

F'dan is-seklu l-funzjoni morali tal-letteratura ntrabtet ukoll mas-soċjetà. Aktar minn kittieb wieħed saħaq fuq din il-funzjoni extra-letterarja.[14] Li teduka lill-poplu ma jfissirx biss li tagħti taħriġ akkademiku iżda wkoll tikkontrollalu l-emozzjonijiet jew turih kif għandu jikkontrollahom. Kemm Nicola Zammit kif ukoll ĠanAnton Vassallo jqisu s-satira bħala l-aħjar mod li jaqdi din il-funzjoni għax kapaċi tbiddel id-drawwiet soċjali.[15] Dan urih fil-prattica ĠanAnton Vassallo li kiteb għadd ġmielu ta' poeżiji satiriċi bl-istess għan imfisser tajjeb fit-tieni parti tal-ktieb *Ħrejjef...* meta bit-tħaddim tal-vers tat-tmienja jistqarr l-iskop doppju, klassiku tal-gost u tat-tagħlim.[16] Kiteb ukoll poeżiji satiriċi bit-Taljan bil-ħsieb li bl-aktar mod fin iġib lill-poplu konxju tal-qagħda soċjali tiegħu u jtella' fil-wiċċ xi difetti bl-iskop li l-poplu jintebaħ bihom u jirranġahom.[17] L-istess idea jtenniha Nicola Zammit li jsejjaħ il-letteratura 'la scuola del popolo'[18] u xogħolha hu li turi lill-poplu l-kundizzjonijiet li jgħix fihom u tedukah mill-aspett emozzjonali. Il-qofol ta' l-ispirazzjoni għandu jkun il-qagħda soċjali waqt li jitwarrbu kull tip ta' żball u korruzzjoni.[19] Hija letteratura ta' riforma li ma titkellimx dwar astrazzjonijiet iżda tikkonkretizza veritajiet differenti '...la letteratura... ha ancora il merito di allevare un'industria intellettuale, riflessa sul sentimento e informante il costume. Essa studia più l'uomo che il libro, interroga più la natura che la dottrina... la letteratura, quella sana e normale, svolge nuove e interesanti verità; interroga fin le

---

[14] Il-kittieba Maltin tas-seklu dsatax kollha kienu jaqblu li l-funzjoni ewlenija tal-letteratura bħala fergħa artistika kellha tkun morali. L-oriġini ta' din il-funzjoni jinsab fil-*Poetica* ta' Aristotli li rabat il-priċipju tal-katarsi mat-traġedja.

[15] Idem., 'Letteratura,' loc, cit., p.8.

[16] A. Preca, Ġ.A. Vassallo, *Ħrejjef ovvero saggio di favole morali in verso*, A. Aquilina e Co., Malta, 1861, p. 83.

[17] Dawn il-poeżiji dehru f'ħarġiet differenti tar-rivista *L'Arte* fit-taqsima bl-isem 'Scherzi satirici'. Lista sħiħa ta' dawn il-poeżiji tinsab fit-teżi tal-B.A. bl-isem *Il-Poeżija Umoristika ta' ĠanAnton Vassallo* ta' Josette Attard (1987).

[18] N. Zammit, *Pensieri d'un retrogrado*, Malta, 1888, p. 474. Dan hu ħsieb imtenni minn Dun Karm u ħassieba romantiċi oħra tal-bidu tas-seklu għoxrin.

[19] Ibid., p. 474.

stravaganze del pregudizio e dell'ignoranza e ve ne trae dalla stessa oscurità una luce sull'importante argomento dei suoi lavori.'[20]

L-idea ta' ĠanAnton Vassallo tindika żvilupp fuq il-ħsieb ta' Zammit li rabat it-tagħlim biss mal-letteratura waqt li Vassallo jsemmi l-iskop tal-pjaċir flimkien mat-tagħlim - prinċipju Orazjan li żviluppa f'toroq diversi tul iż-żmien. Fil-bidu ta' l-ittra lil Stefano Zerafa, Vassallo jistqarr li jifraħ meta jara xogħlijiet Maltin għax iħossu żgur li jedukaw lill-poplu.[21] Lejn tmiem l-ittra jiddefinixxi l-letteratura bħala taħdit mal-poplu li jagħti kontribut għall-edukazzjoni popolari.[22] Jekk il-kittieb ma jiktibx għall-poplu ma jkunx laħaq l-għan komunikattiv u fuq kollox ma jkunx ippreżentalu l-mixja storika tiegħu bħala poplu sħiħ flimkien mal-qagħda soċjali biex jekk jista' jkun itejjibhom.[23] Fi tmiem il-*Prolusione* jsejjaħ il-letteratura li ma tħalli ebda ġid soċjali 'un ingombro intellettuale.'[24] Jekk minnha ma jinstilitx it-tajjeb kemm fuq bażi individwali kif ukoll fuq bażi kollettiva, m'għandu jkollha ebda skop li teżisti. Għalih il-letteratura ma jistax ikollha valur fiha nnifisha. Vassallo, bħal Zammit, fittex il-valur letterarju 'l barra mil-letteratura.[25] Minħabba f'hekk hu tal-fehma li prinċipji xjentifiċi li m'humiex imfissra b'mod letterarju jitilfu l-qawwa tagħhom u moralment ma jaqdux il-ħtiġijiet soċjali.[26]

L-aspett morali huwa l-kawża tal-progress ċivili u dan il-kunċett m'għandux jinbidel isostni Salvatore Castaldi.[27] Il-kittieb qatt m'għandu jispiċċa biex isir fotografu tas-soċjetà li jgħix fiha. Għal din ir-raġuni l-letteratura mhux dejjem se tkun morali. Aktar milli romantika, it-teorija ta' Castaldi dwar il-funzjoni letterarja hi platomika għax

---

[20] Ibid., p. 475.
[21] Ġ. A. Vassallo, 'Inserzione comunicata,' *L'Ordine*, 28/6/1861, p. 3.
[22] Ibid., p. 4.
[23] A. Preca, Ġ.A. Vassallo, cit., pp. 3-4.
[24] Ġ.A. Vassallo, *Prolusione al corso di estetica*, R. Università degli studi, 7/4/1864, p. 20.
[25] Ibid., p. 21.
[26] Ibid., pp. 21-22.
[27] S. Castaldi, 'Della letteratura educatrice,' Malta, 1897, pp.5-7.

il-valur tagħha kollu jinsab fuq l-effett emottiv li jħalli xogħol letterarju fuq iċ-ċittadini.[28] Il-letteratura għandha wkoll il-missjoni sagra li tiżviluppa l-aspett soċjali kif ukoll spiritwali tal-ħajja umana meta tagħmel il-ġid lill-umanità u ġġib progress nazzjonali.[29] Huwa l-kunċett tar-romantiċiżmu nazzjonali rifless tat-tradizzjoni tas-seklu dsatax.

L-iskop didattiku tal-letteratura ma jistax jeżisti jekk ma jkunx immirat lejn il-poplu. Il-kunċett tal-letteratura demokratika beda jiżviluppa f'Malta fl-aħħar nofs tas-seklu dsatax u baqa' jixtered fost il-kittieba sa l-ewwel għoxrin sena tas-seklu għoxrin.[30] Nicola Zammit ħass li l-letteratura demokratika ġabet bidla kbira. Isejħilha 'letteratura soċjali tassew' għax titkellem mal-poplu dwar il-ħajja nnifisha.[31] Iqabbilha ma' dramm maħdum mill-poplu stess bl-iskop li jkollu progress ċivili u edukattiv. Waqt li tipproduċi xogħlijiet spontanji, hi meqjusa bħala ħolqa ta' kommunikazzjoni bejn il-kittieba u l-poplu u minnha tkun tista' toħroġ aħjar il-qagħda soċjali universali.[32] Hija ispirata mill-ħajja tal-poplu, 'è il laboratorio dell'arte per la vita, d'una letteratura per la civiltà.'[33] Għalhekk m'għandhiex tkun il-privileġġ ta' ftit magħżula iżda hija manifestazzjoni ta' l-

---

[28] Li timita azzjonijiet tajbin u li tqanqal imġieba tajba huma identiċi għal Platun u l-istess jista' jingħad għal Castaldi. Dan ġiegħel lil Platun idaħħal il-kunċett taċ-ċensura tax-xogħlijiet artistiċi kollha għax ra kemm l-arti kienet serja. Fir-*Repubblika* jitkellem dwar ir-regolamenti li kellha timxi fuqhom iċ-ċensura u wara li ssir, il-kittieb ma seta' jibdel xejn inkella jkun ikkastigat bil-kbir. (Cfr. M.C. Beardsley, *Aesthetics from Classical Greece to the Present*, cit., pp. 49-50).

[29] S. Castaldi, *Necessità della cultura letteraria al progresso delle scienze*, Malta, Oranzione per laurea, 1898, p. 8.

[30] Il-prinċipju romantiku Ewropew li l-poplu hu l-għajn ewlenija ta' l-ispirazzjoni jinftihem iżjed fid-dawl ta' l-għażla fundamentali li għamel Herder bejn *Kunstpoesie* - poeżija ta' l-arti - u *Naturpoesie* - poeżija tan-natura (Cfr. O. Friggieri (ed.), *Il-Poeżija Maltija*, Malta University Publishers, 1996, p. xxxi). L-ewwel tip kienet il-letteratura klassika li issa kienet imgħoddija u irrelevanti waqt li t-tieni waħda tfisser il-letteratura l-ġdida romantika li tesprimi l-ispontanjetà misluta mill-esperjenzi ta' kotra mġarrba. Il-ħsibijiet tal-letterati Maltin kolha jfissru l-idea ta' Herder tan-*Naturpoesie* applikata għall-kuntest Malti.

[31] N. Zammit, 'Letteratura', loc. cit., p. 8.

[32] Idem., *Discorso per l'apertura...* cit., pp. 9-10.

[33] Ibid., p. 10. L-idea tal-letteratura bħala mezz ta' komunikazjoni bejn il-kittieb u l-poplu taqbel ukoll mad-definizzjoni li jagħti William Wordsworth tal-poeta meqjus bħala 'a man speaking to men; a man endured with a more lively sensibility, more enthusiasm and tenderness, who has a greater knowledge of human nature, and a more comprehensive soul than are supposed to be common among mankind...' (Cfr. W. Wordsworth and S.T. Coleridge, *Lyrical Ballads*, Derek Roper (ed.), Northcote House, U.K., 1987, pp.30-31).

għarfien uman.[34] Il-poeta jfittex is-suġġett tal-poeżija tiegħu minn qalb il-poplu. Dan jindika kemm il-kittieb għandu jkun membru tas-soċjetà, jgħix fil-qalba tagħha u jġarrab magħha.[35] Zammit isostni li letteratura għall-gost biss ma tagħmilx ġid u jgħid li bħalma l-kontenut jirrifletti l-iżvilupp demokratiku, il-lingwaġġ imħaddem għandu jkun il-lingwaġġ tal-poplu.[36]

ĠanAnton Vassallo jikkundanna lil min ma jiktibx għall-poplu u jikteb b'xi għan ieħor b'mod speċjali bl-iskop tal-koltivazzjoni tal-lingwa.[37] Fix-xogħlijiet poetiċi tiegħu Vassallo mexa skond it-teorija li kien iħaddan għaliex tnebbaħ mill-qagħda soċjali ta' żmienu. Min irid jikteb għall-poplu ma jistax ikun maqtugħ minn żmienu għax jispiċċa biex ikun artifiċjali.[38] Il-kumment ta' Salvatore Castaldi joffri perspettiva ġdida tat-twemmin ta' żmienu għax għalkemm jaqbel li l-kittieb għandu jkun aġġornat u konxju tal-qagħda soċjali u attwali, jistqarr li b'danakollu m'għandux imur fl-estrem tal-veriżmu kif għamlu t-Taljani.[39] Skond il-kittieb Malti l-iżball tagħhom kien li pinġew il-ħajja kif inhi u għalhekk, jekk kienet immorali, ipproduċew letteratura immorali bla ma wrewha f'dawl negattiv jew offrew xi soluzzjonijiet.[40] Il-poplu jimita dak li jaqra. Letteratura ta' din ix-xejra żgur li ma twassalx għall-progress ċivili kif kienu jemmnu f'dan is-seklu.[41]

---

[34] Ibid., pp. 13-14.
[35] Ibid., pp. 13, 14, 16.
[36] Ibid., p. 30.
[37] Ġ.A. Vassallo, *Inserzione comunicata*, loc. cit., pp. 3-4; Ġ.A. Vassallo, *Ħrejjef u ¬ajt bil-Malti*, Giov. Muscat, Malta, 1895, p. 45.
[38] A. Preca, Ġ.A.Vassallo, op. cit., pp. 7-8.
[39] S. Castaldi, 'Della letteratura educatrice', cit., p. 6.
[40] Ibid., p. 6.
[41] Ibid., p. 8. Dan il-kunċett imxerred fl-Ewropa fuq kollox minn Madame de Staël jista' jinġabar f'sentenza waħda: il-letteratura hija l-espressjoni tas-soċjetà. Huwa kunċett li mill-aspett storiku ta' xogħlijiet mitmuma jindika li x-xogħlijiet jistgħu jkunu mifhuma u apprezzati fil-kundizzjonijiet ambjentali li nkitbu fihom u x-xogħlijiet li għad iridu jinkitbu, iridu jirriflettu l-qagħda storika ta' żmienhom (Cfr. M. Puppo, *Il romanticismo*, (VI ed.), Edizione Stadium, Roma, 1975/1979, p. 82). Fiż-żewġ każi jidher li l-letteratura hi determinata minn għadd ta' fatturi soċjali partikulari bħalma huma d-drawwiet, it-twemmin reliġjuż u morali, l-istituzzjonijiet differenti li joħloqu ambjent soċjali, politiku u l-bqija.

**L-ewwel nofs tas-seklu għoxrin**

Għall-kittieba Maltin ta' l-ewwel nofs tas-seklu għoxrin, il-letteratura kienet suġġett ewlieni għad-diskussjoni. Tawha definizzjoni romantika waqt li sieħbu magħha funzjoni partikulari marbuta mas-soċjetà.

Dun Karm iqabbel il-letteratura ma' 'awtobijografija ta' nazzjon'[42] għax meta titqies kollha f'daqqa tirrifletti l-ġrajjiet storiċi, politiċi u soċjali ta' ġens sħiħ. Miktuba minn għadd ta' kittieba, tirrappreżenta post partikulari u żmien partikulari.[43] Flimkien mal-lingwa, huma żewġ elementi li jsawru n-nazzjonalità u jiddistingwu ġens minn ieħor. Stħarriġ serju ta' letteratura ta' pajjiż jikxef kemm id-dehra kif ukollil-karattru ġewwieni ta' soċjetà partikulari.[44] Dun Karm jissokta jiżviluppa din il-fehma billi jqabbel il-kobor ta' letteratura mal-qies ta' nazzjon minn fejn tkun ħarġet. Skond il-kobor tan-nazzjon ikun il-kobor tal-letteratura tiegħu u bħala eżempju jsemmi l-letteratura klassika li kienet kbira għax Ateni u Ruma kienu qawwija.[45] Bosta drabi jtenni l-idea tal-letteratura bħala 'l-ħajja ta' nazzjon miktuba minnha nnifisha'[46] waqt li jxebbaħ il-fażijiet fl-iżvilupp letterarju mal-fażijiet tal-ħajja umana.

Kull letteratura hija 'l-espressjoni tal-ħajja ta' ġens'[47] għalhekk fl-isfond tar-romantiċiżmu storiku, Dun Karm jagħti lista sħiħa ta' aspetti li kellhom inebbħu l-kitba letterarja. L-aspetti msemmija, ilkoll xhieda tax-xejriet soċjali, kulturali, storiċi u politiċi

---

[42] C. Psaila, 'Jitkellem Dun Karm,' *Il-Malti*, Settembru 1946, p. 103; C. Psaila, 'A talk on Maltese Poetry,' (held at St. Edward's on the 3rd March 1942 in a rock shelter during an air-raid), ms. 215/4 fl-Arkivji ta' l-Università ta' Malta; C.Psaila, 'Taħdita fuq il-Poeżija Maltija,' *Leħen il-Malti*, sena 29, numru 1, 1960, p. 2; C. Psaila, 'X'inhi l-letteratura? Għalfejn tiswa?' *Il-Malti*, Ġunju 1938, p. 33.
[43] Idem., 'Jitkellem Dun Karm,' loc. cit., p. 103.
[44] Ibid., p. 103.
[45] Idem., 'A talk on Maltese Poetry,' ms. cit.; C. Psaila, 'Taħdita fuq il-poeżija Maltija,' loc. cit., p. 2.
[46] Idem., 'Taħdita fuq il-poeżija Maltija,' loc. cit., p. 2. L-idea tal-letteratura bħala rifless tal-ħajja nazzjonali kienet imfissra minn N. Zammit fis-seklu dsatax meta sejjaħ 'il-letteratura 'ritratto della civiltà delle nazioni.' (N. Zammit, 'Letteratura,' loc. cit., p. 8).
[47] Idem., 'Il-letteratura tagħna,' *Il-Malti*, 1937, p. 103.

tal-pajjiż, huma ppreżentati fuq livell ideali.[48] Il-kuxjenza nazzjonali hija element importanti fil-kitba tal-letteratura għax mat-tiswir ta' din il-kuxjenza tibda tinbena bil-mod il-mod il-letteratura li tinbidel f'tifkira ta' kull ġrajja nazzjonali[49] u għandha l-vantaġġ li tissawwar awtomatikament minn għadd mhux ħażin ta' kittieba li jfissru fehmiet diversi j jiktbu minn perspettivi differenti. Dan kollu jseħħ tul medda ta' żmien. Mill-kitba letterarja toħroġ ir-realtà ta' ħajja ta' soċjetà sħiħa. Għal din ir-raġuni jxebbaħha ma' mera 'li tgħid is-sewwa, li fiha tidher kif inhi tassew.'[50]

L-istess idea ta' Dun Karm itenniha Ġużè Aquilina b'xi varjazzjoni minima. Aquilina jxebbaħ il-letteratura mal-kristall għax tirrifletti bosta faċċati tal-ħajja.[51] Mill-kittieb individwali trid tgħaddi għall-kollettiv meta l-awtur juri kuxjenza ta' dak li jkun qiegħed jiġri madwaru u tissawwar bl-espressjoni tal-ħsibijiet u ta' l-emozzjonijiet ta' l-awtur li jinterpreta s-soċjetà u ż-żminijiet li jikteb fihom: 'Il-kittieb jirrifletti żminijietu u s-sustanza tar-rumanz jew tal-poeżija tiegħu tiddependi mis-sustanza tar-riflessjonijiet tiegħu.'[52] Mill-banda l-oħra Karmenu Vassallo hu aktar spiritwali fl-ideat estetiċi dwar il-letteratura li jqisha 'sultana taċ-ċivitlà tad-dinja' u għajn ewlenija fl-iżvilupp kulturali.[53] Biex isaħħaħ l-aspett spiritwali tal-letteratura Vassallo jikkwota lil Giosuè Carducci meta qabbel il-letteratura mat-tqanqil spiritwali ta' soċjetajiet sħaħ.[54]

Il-kittieba ta' dan il-perjodu żviluppaw l-idea tal-letteratura bħala għalliema tas-soċjetà - idea li taf il-bidu tagħha fis-seklu ta' qabel. Dun Karm itenni l-ħsieb ta'

---

[48] Ibid., pp. 103-104.
[49] Idem., 'X'inhi l-letteratura? Għalfejn tiswa?,' loc. cit., pp. 33-34.
[50] Ibid., p. 34.
[51] P. Falzon, 'Minn fomm il-kittieb Ġużè Aquilina,' *Il-Mument*, 22/11/1987, p. 16.
[52] Ibid., p. 16. Għar-romantiċi l-letteratura ma kinitx biss estensjoni personali tal-kittieb iżda riedet titwessa' biex tilħaq livell nazzjonali u universali.
[53] K. Vassallo, *Alla taż-|għażagħ*, Giov. Muscat, Malta, 1939, p. 15. Din id-definizzjoni spiritwali titbiegħed mill-prinċipji romantiċi Taljani u Ngliżi u tersaq aktar lejn id-definizzjoni mistika Ġermaniża.
[54] Ibid., p. 14.

ĠanAnton Vassallo li l-letteratura sservi ta' mera biex turi, u xi drabi tkabbar ukoll, id-difetti soċjali bil-ħsieb li ġġib tibdil soċjali.[55] Il-poeżiji tal-Poeta Nazzjonali huma xhieda ta' dan il-prinċipju speċjalment ix-xogħlijiet miktuba bl-ilsien Malti li jiġġustifikaw l-aspett tal-letteratura demokratika. Ried li jinftiehem minn kulħadd u mhux minn parti biss tal-poplu.

Il-letteratura tista' tkun mezz għat-tixrid tal-kultura skond Anastasju Cuschieri. 'Questo scopo pratico, il miglioramento della vita nelle sue varie forme, deve quindi dominare tutt'i nostri scritti, tutti mezzi di cui possiamo disporre per la diffusione della cultura.'[56] Jisħaq fuq l-iskop prattiku fil-ħajja ta' kuljum. Il-frażi 'l'arte per la vita', imtennija minn Nicola Zammit fis-seklu ta' qabel,[57] terġa' titfaċċa fil-kitba ta' Cuschieri. Jekk il-letteratura ma taqdix il-ħtiġijiet tal-ħajja, issir bla sens. Ladarba għandha rabta soda mal-ħajja xxerred l-edukazzjoni u l-kultura billi tinqeda b'kitbiet ta' xejra storika. Mill-ġrajjiet imgħoddija joħorġu veritajiet utli għall-preżent.[58] Din l-idea tissokta tissaħħaħ minn Ġużè Aquilina meta jisħaq li l-kittieb jeħtieġlu jkun konxju tar-realtajiet soċjali biex ikun jista' jaqdi l-funzjoni letterarja kif jixraq.[59] Tibdil soċjali, għalhekk ifisser tibdil letterarju. Bħal Cuschieri, Aquilina jagħti importanza lill-istorja għax iqisha bħala għalliema.[60] Kemm fl-istorja kif ukoll fil-letteratura jseħħ tibdil iżda ma jintemmu qatt. Bħala 'l-arti tal-viżjonijiet' tgħaddi, bħall-istorja, minn żminijiet sbieħ kif ukoll koroh.[61]

---

[55] C. Psaila, 'X'inhi l-letteratura? Għalfejn tiswa?,' loc. cit., p. 35.
[56] A. Cuschieri, 'Ancora un pò di programma,' *Malta Letteraria*, anno 1, numero 2, Giugno 1904, p. 36.
[57] N. Zammit, 'L'Arte per la vita,' *L'Arte*, anno 2, numero 35, 22/4/1864, pp. 2-4.
[58] A. Cuschieri, 'Ancora un pò di programma,' loc. cit., p. 36.
[59] P. Falzon, 'Minn fomm il-kittieb Ġużè Aquilina,' loc. cit., p. 16.
[60] Ġ. Aquilina, 'Il-Ħajja tal-kitba,' *Leħen il-Malti*, numri 179-181, Jannar - Marzu 1946, p. 3.
[61] Ibid., p. 3.

Diwi tat-tradizzjoni Orazjana jinħass sew fil-ħsieb ta' Karmenu Vassallo dwar il-funzjoni letterarja. 'L-għan tal-letteratura... ma għandux ikun ieħor għajr dak li, b'riħet il-gost u l-pjaċir, iqanqal u jħeġġeġ il-bniedem biex ikun dehen tat-tradizzjonijiet kbar morali, ċivili, kulturali u nazzjonali ta' art twelidu.'[62] Din il-funzjoni, bl-effetti soċjali tagħha, hi differenti mix-xejra tal-ħsieb tal-kittieba l-oħra kontemporanji għax hi aktar spiritwali milli materjali.[63]

Fid-dawl tat-twemmin neo-klassiku, il-kitba letterarja tintrabat mal-progress soċjali kemm ċivili kif ukoll morali. Minn fuq l-individwu l-effett letterarju jgħaddi għal fuq soċjetà sħiħa. Il-qofol artistiku jintlaħaq bir-rabta taż-żewġ funzjonijiet Orazjani. Fiha l-letteratura ssir 'sultana taċ-ċiviltà tad-dinja'[64] u għal Vincenzo Frendo Azopardi trid timxi lejn l-ideal tal-'perfezionamento morale.'[65] Minħabba f'hekk ma jaqbilx ma' l-idea tal-letteratura bi skop fiha nnifisha[66] u ma jiġġustifikax letteratura li ma tagħmilx parti mill-poplu li minnu tieħu l-ħajja. 'La letteratura deve parlare al popolo'[67] jtenni Frendo Azopardi. Dan l-effett fuq is-soċjetà jfisser aktar libertà morali. F'dan il-kwadru l-kittieb isir l-edukatur morali tas-soċjetà.[68]

Il-letteratura ma ħaqqhiex dan l-isem jekk tingħalaq fiha nnifisha u twarrab il-ħtiġijiet spiritwali, is-sentimenti nazzjonali u l-progress tal-patrija u ma tagħtix każ tal-poplu. Il-qawwa letterarja tinħass fil-bżonnijiet fiżiċi, intellettwali u morali tal-ħajja.[69]

---

[62] K. Vassallo, *Alla taż-|għażagħ*, cit., p. 14.
[63] Ibid., p. 14.
[64] Ibid., p. 14.
[65] V. Frendo Azopardi, *Letteratura morale ed educatrice*, Casa San Giuseppe, Hamrun, 1916, p. 6.
[66] Ibid., p. 9.
[67] Ibid., p. 9.
[68] Ibid., p. 18.
[69] A. Cuschieri, *I pericoli della gioventù nella scienza e letteratura moderna*, Orazione per Laurea, G. Muscat, Malta, 1901, p. 11.

Cuschieri jsostni li jekk titteħdilha l-idealità morali, ssir vojta u kiesħa.[70] Huwa skop qaddis u sublimi 'educare, migliorare, illuminare il popolo: sarà questo il programma della vostra sublime missione. Gioierete, piangerete, vivrete, morrete col popolo.'[71]

Ġużè Aquilina huwa l-kittieb waħdieni f'dan il-perjodu li jiddiskuti l-aspett reliġjuż tal-moralità letterarja u l-effett soċjali. Wieħed mill-iskopijiet ta' l-arti hu morali u l-effett tiegħu ma jidhirx għax hu spiritwali. Minkejja li jista' jkun hemm valuri differenti f'xogħol artistiku, jistqarr li 'l'arti l-kbira ma tistax tinbena fuq l-immoralità.'[72] L-artist għalhekk, għandu r-responsabbiltà quddiem il-poplu li jimxi fuq valuri morali u dan ma jfissirx li s-suġġett tiegħu hu dejjem reliġjuż.[73] Ir-rabta bejn arti u ħajja tqanqal id-dibattitu bejn arti u moralità. Filwaqt li l-arti m'għandhiex tkun lista ta' regoli morali, lanqas għandha tkun immorali.[74] Madankollu Aquilina jaċċetta xejriet immorali fl-arti minħabba li jqisha bħala espressjoni tal-burdati varji tal-bniedem li jgħix f'soċjetà li tgħaddi minn perjodi diversi. Dak li jgħodd hu l-intenzjoni ta' l-artist fix-xogħol sħiħ.[75] Anastasju Cuschieri u Vincenzo Frendo Azopardi jsostnu l-istess idea estetika bħal Aquilina. It-tlieta jikkummentaw dwar l-effett tal-letteratura immorali fuq il-poplu. Minħabba f'hekk jimplikaw li għandha ssir xi tip ta' ċensura min-naħa ta' l-artist.[76] Il-letteratura morali ma toħroġx mill-produzzjoni ta' ambjent soċjali kif inhu u hi dejjiema u universali għax ittejjeb lill-bniedem u tipperfezzjonah spiritwalment.[77]

**Il-perjodu modern - Wara s-sittinijiet**

---

[70] Ibid., p. 13.
[71] Ibid., p. 14.
[72] Ġ. Aquilina, 'Arti u Fidi,' *Il-Polz ta' Malta*, Lux Press, Malta, 1948, p. 229.
[73] Ibid., p. 241.
[74] Idem., 'Arti, ħajja u morali,' *Leħen il-Malti*, numri 196-198, Lulju - Settembru 1947, p. 4.
[75] Ibid., p. 5.
[76] V. Frendo Azopardi, *Letteratura morale ed educatrice*, cit., p. 12.
[77] Ibid., pp. 20-21.

Wara l-polemika letterarja tas-sittinijiet, bl-għajta ewlenija tat-tixrid tal-letteratura fost il-klassijiet kollha tal-poplu, il-kitbiet estetiċi issa bdew jieħdu xejra aktar definittiva. It-temi diskussi juru żvilupp ta' dak kollu li kien inbeda fil-perjodu qasir ta' qabel. L-arti, il-letteratura, il-kittieb u l-poeżija huma t-temi ewlenin li stħarrġu l-kittieba moderni fl-isfond ta' dak li kien diġà nkiteb ftit snin qabel fi żmien il-polemika. Is-soċjetà issa wkoll bdiet tingħata importanza diretta aktar minn qabel. Il-kittieb ma baqax jeżisti biss f'relazzjoni ma' xogħlijietu iżda nħolqot relazzjoni ġdida bejnu u bejn il-qarrejja tiegħu. Il-kittieba moderni saru konxji ta' l-effett li l-arti, l-aktar il-letteratura, tħalli fuq is-soċjetà.

Għalhekk kwalità ewlenija ta' l-arti hi l-universalità li hi garanzija ta' l-effett artistiku fuq kull bniedem, hu min hu bla ebda kundizzjoni. Għal Mario Azzopardi l-arti hi 'lotta vitali kontra l-istupidità tar-realtà.'[78] Fid-dawl ta' din l-istqarrija l-arti ma tistax tibqa' titqies bħala delizzju. Hawn tidħol l-idea ta' l-arti ta' l-impenn li jeħtiġilha toġġezzjona kontinwament dwar fatti li jolqtu lill-umanità batuta bħal m'hi l-'mutilazzjoni ta' l-umanità oppressa.' B'hekk biss l-arti ta' pajjiż partikulari tkun tista' 'tidħol fl-ambitu ta' moralità globali.'[79]

Kull min jikkonsma l-arti u m'huwiex artist irid jagħti sehmu wkoll billi jagħraf jagħżel xogħlijiet universali, li l-valur tagħhom hu dejjiemi, minn xogħlijiet oħra li fi kliem Oliver Friggieri, 'għad imutu, iżda qabel ma jmutu jistgħu jħassru lill-bqija.'[80] L-effett artistiku fuq is-soċjetà jintlaħaq bis-sublimazzjoni ta' l-esperjenza. Il-ħsibijiet, l-ideat jew il-kunċetti li jkunu ppreżentati fl-ewwel persuna singular ma jilħqux livell

---

[78] M. Azzopardi, 'L-arti li toġġezzjona,' *Il-Mument*, 1/6/1986, p. 8.
[79] Ibid., p. 8.
[80] O. Friggieri, 'Il-Kitba tal-Poeżija,' *In-Nazjon Tagħna*, 30/10/1972, p. 7.

universali u l-effett soċjali jintilef.[81] Il-mira ewlenija għandha tkun 'it-tgħaqqid ta' l-arti u l-folla' u biex jintlaħaq dan il-għan trid titwarrab 'kull forma ta' kundizzjonament li hija perikoluża.'[82] Ir-rabta bejn arti u soċjetà hi idealment neċessarja u bosta drabi tkun mixtieqa wkoll mill-artist.[83]

L-effett ta' l-arti fuq is-soċjetà, bħall-filosofija, hu paradossali għax waqt li t-tnejn jistħarrġu l-qofol ta' kulma hu uman, jitbiegħdu mill-bniedem bħala individwu partikulari.[84] L-arti titmexxa mill-imperattivi, titlaq minn dak li jidher, titbiegħed minnu biex tasal għal dak li ma jidhirx iżda xorta waħda jeżisti. L-arti teżerċita s-setgħa tagħha fuq is-soċjetà billi tegħleb kull tip ta' ċensura li s-soċjetà timponi fuq l-individwu. Peter Serracino Inglott ixebbaħha ma' domatur fiċ-ċirklu u l-elementi taċ-ċensura ma' mostri. Isostni li l-arti kapaċi taħkem kull tip ta' ċensura ġewwiena li xi drabi naħbuha mhux biss mill-oħrajn iżda minnha nfusna wkoll.[85] Għal din ir-raġuni tidher li ma timxix skond in-norma kemm f'dak li tfisser kif ukoll fil-mod ta' kif tfissru. 'Art is a sort of deviation from the normal track'[86] għax kieku ma kienet tkun arti xejn.

L-artisti jridu jżommu dejjem f'moħħhom li għandhom bħala udjenza liċ-ċittadini kollha u permezz ta' xogħlijiethom jgħinu lill-poplu biex 'jakkwista fibra morali.'[87] L-arti trid tkun miftuħa għal kulħadd, mhux għal xi klassi soċjali partikulari. Fil-fatt hi meqjusa bħala mod ta' għejxien li jinkludi kull element eżistenzjali.[88]

Minkejja l-importanza tas-soċjetà bħala konsumatur ta' l-arti, 'l-artist m'għandux ikun iddettat mill-gosti tal-kotra' speċjalment jekk ikunu qodma u għadda żmienhom.

---

[81] Ibid., p. 7.
[82] M. Azzopardi, 'Soċjaliżmu u Arti,' *Il-Mument*, 13/2/1977, p. 7.
[83] Ibid., p. 7.
[84] O. Friggieri, 'L-artist u kulma hu reali,' *Il-Mument*, 22/12/1974, p. 4.
[85] Ġ. Borg, O. Friggieri, A. Marshall, *Dħaħen fl-Imħuħ*, Malta, 1967, p. 12.
[86] O. Friggieri, 'Literature: A linguistic approach,' *The Democrat*, 28/2/1976, p. 9.
[87] M. Azzopardi, 'Dwar il-funzjoni ta' l-arti b'riżq l-individwu u s-soċjetà,' *Illum*, Diċembru 1976, p. 10.
[88] O. Friggieri, 'Il-poeżija bħala mod ta' għejxien,' *Mis-Sillabu*, Volum 2, numru 5, Jannar 1986, p. 249.

Mill-banda l-oħra l-artist ma jridx jinsa li hu wkoll hu membru tas-soċjetà.[89] Kull artist jixtieq li xogħlu jagħti gost lis-soċjetà iżda Mario Azzopardi jagħmilha ċara li l-gost ma jridx ikun 'qiegħed hemm minħabba indifferenza, għażż jew korrużżjoni mentali.'[90] L-arti innovattiva ssir utli għall-pajjiż jekk jirnexxilha tbiegħed lill-poplu mill-materjaliżmu iżda trid timmira wkoll biex teduka lis-soċjetà ħalli ssir aktar matura kemm mentalment kif ukoll emozzjonalment. Fejn m'hemmx maturità, trid trawwimha l-arti, u fejn hemm, l-artist irid iżomm f'moħħu li qiegħed jindirizza ċittadini maturi. Minħabba f'hekk il-funzjoni artistika tinqasam f'żewġ friegħi: trid tgħin lill-poplu japprezza l-arti u trid temfasizza r-responsabbiltà li l-artist għandu lejn is-soċjetà. Azzopardi jsostni li ċittadini maturi joffru 'garanzija ta' pajjiż f'sikktu.'[91] Jisħaq fuq il-parteċipazzjoni tal-ħaddiema fl-arti biex huma wkoll jimmaturaw mentalment. L-arti għandha tħajjarhom jersqu lejha għax fl-aħħar mill-aħħar 'l-arti titwieled mill-poplu għall-poplu.'[92]

Letteratura universali m'hijiex ir-responsabbiltà tal-kittieb biss; hemm dmir soċjali li minnu toħroġ id-'definizzjoni tal-bniedem bħala bniedem, ċittadin ta' l-arti.'[93] Strutturi soċjali u oqsma differenti ta' l-arti qegħdin jagħrfu l-importanza tas-setgħa kommunikattiva tal-letteratura li ssir dokument qadim u riċenti ta' l-eżistenza umana. Hawn tikseb l-utilità li jixirqilha għax 'il-letteratura hi kritika tal-ħajja, ġudizzju, viżjoni u interpretazzjoni, rappreżentazzjoni ta' l-eżistenza nnifisha...'[94] Skond Friggieri hi ħtieġa li ma tistrieħx fuq is-suċċess soċjali.

---

[89] M. Azzopardi, 'Dwar il-funzjoni ta' l-arti...', loc. cit., p. 10.
[90] Ibid., p. 10.
[91] Ibid., p. 10.
[92] Ibid., 10.
[93] O. Friggieri, 'L-istudju tal-letteratura u s-soċjetà,' *Il-Mument*, 14/4/1985, p. 19.
[94] Idem., *L-Idea tal-Letteratura*, Pubblikazzjoni Bugelli, Malta 1986, p. VII.

Ir-rabta tal-letteratura mar-realtà hi soda ħafna u twassal għall-konklużjoni li 'l-letteratura hi drabi mera ta' tibdil u proċessi storiċi, politiko-soċjali.'[95] Għalkemm il-letteratura ma tinħoloqx bi skop li tbiddel xi aspetti soċjali, xorta waħda jista' jiġri hekk speċjalment meta, bis-saħħa ta' xogħlijiet letterarji, il-bniedem jintebaħ b'xi difetti fil-qagħda soċjali li jkun qiegħed jgħix fiha.

Minkejja li huwa diffiċli biex wieħed jasal għal definizzjoni tal-letteratura jekk qatt tista' tkun definita,[96] wieħed xorta waħda jsita' jitkellem dwar l-iskopijiet u l-effetti tagħha. Il-kittieba moderni ewlenin qablu bejniethom li wieħed mill-iskopijiet letterarji hu l-impenn soċjali, għad li ma warrbux għal kollox l-immaġinazzjoni. Dan l-impenn m'għandux ikun l-iskop waħdieni għalkemm bosta drabi l-awtur jitnebbaħ mill-ħajja soċjali. L-iskop soċjali jista' jimxi id f'id mat-tiftixa għall-ispiritwalità, garanzija ta' l-awtentiċità ta' l-awtur. Din il-kwalità tagħni lil-letteratura billi tgħin fil-proċess tat-traxxendenza ta' kulma hu materjali.[97]

Fil-moderniżmu l-medda tal-konsum letterarju twessgħet għax l-għanijiet tagħha żdiedu. Hu fatt ippruvat li l-letteratura tħalli effetti soċjali. Għalhekk l-awtur jeħtieġlu jagħżel liema metodi se jħaddem biex jasal għall-għan li għandu f'moħħu. 'Il-letteratura... tesplora l-komunità u l-epoka waqt li tikxef aħjar il-veritajiet li jistgħu jkunu mgiddbin jew moħbija jew minsijin.'[98] Mill-banda l-oħra jekk il-kontenut letterarju hu miżrugħ f'ħamrija soċjali, is-soċjoloġija m'għandhiex tkun l-iskop letterarju ewlieni. L-għarfien soċjoloġiku li jista' jinkiseb mil-letteratura ma jissoktax iżid il-valur letterarju

[95] D. Massa, 'L-avangwardja,' *Ilum*, Settembru 1973, p. 16.
[96] O. Friggieri, *Ir-Ruħ fil-Kelma*, K.K.M., Malta 1973, p. 6.
[97] Ibid., p. 11.
[98] Idem., 'L-awtur Malti u l-komunità,' *Il-Mument*, 15/5/1977, p. 9.

fil-kitba.[99] Friggieri jiddefinixxi l-letteratura bħala 'rikostruzzjoni bil-kliem tat-tiġrib uman,'[100] hi l-ħajja nnifisha mibdula fi kliem organizzat u mqiegħed f'ordni. L-għeruq umani dejjem kienu l-punt tat-tluq f'kull epoka li ddiskutiethom skond ix-xejriet tagħha. Fil-qiegħ dejjem tibqa' s-soċjetà bħala suġġett ewlieni.[101]

Ir-relazzjoni li tinbet bejn is-soċjetà u l-letteratura timplika l-eżistenza ta' fatturi 'l barra mit-test. Il-ħajja nnifisha hi magħmula minn ċerti ritmi u ċerti mudelli u l-letteratura wkoll hi mibnija fuqhom imqar jekk ma jidhrux jew m'humiex evidenti għall-biċċa l-kbira ta' min jaqraha.[102] Friggieri hu tal-fehma li l-valur soċjali u uman li joħroġ mil-letteratura hu importanti għas-soċjetà nnifisha iżda fuq kollox hu importanti għall-awtur impenjat. Għalih 'il-letteratura hi vokazzjoni serja li wieħed irid jimxi fuqha mhux għall-fama jew għall-ġieħ... iżda għal sodisfazzjon ġewwieni li l-awtur ma jistax jgħaddi mingħajru.'[103] Hi mezz terrapewtiku għall-kittieba u għaldaqstant tħalli fuqhom effett daqs kemm tħalli fuq is-soċjetà.

F'kull żmien il-letteratura tqieset bħala 'dokument tal-kundizzjonijiet soċjali li fihom kien jgħix il-kittieb.'[104] Huwa metodu qadim sa minn żmien il-klassiċi li jimplika l-użu ta' metodi differenti skond it-tibdil taż-żmien. F'dawk il-kittieba li jintrabtu ma' xi ideoloġija jew oħra, ir-relevanza soċjali hi diretta u ċara iżda f'kittieba oħra li huma

---

[99] Idem., 'Is-soċjoliġija u l-letteratura I,' *Il-Mument*, 9/10/1977, p. 9.

[100] Idem., 'Ir-Rumanz: l-esperjenza bħala storja,' *Sagħtar*, numru 91, Diċembru 1982, p. 2.

[101] Idem., 'Il-Letteratura Maltija u l-Mediterran,' *Leħen is-Sewwa*, 6/4/1985, p. 7. Kull teorija li torbot il-letteratura mas-soċjetà titnissel mill-estetika Marxista li fil-parti l-kbira tagħha tisħaq fuq l-importanza tas-soċjoloġija fil-letteratura. L-esponent ewlieni tal-Marxiżmu fis-seklu għoxrin kien Geörgy Lukacs (1885-1971), li f'xogħol bikri tiegħu (*Teoria del romanzo*, 1961) stħarreġ ir-raġuni għaliex it-traġedja ma baqgħetx imfittxa ħafna u għaliex kienet ta' ħtieġa għall-qagħda aljenata tas-soċjetà borgiża. Għall-Marxisti l-letteratura u s-soċjoloġija qatt ma setgħu jinfirdu. (Cfr., S. Givone, *Estetica*, La Nuova Italia, Firenze 1988, pp. 105-106).

[102] Idem., 'The Study of Literature in Modern Society,' *The Sunday times*, 21/9/1986, p. 22.

[103] Idem., *L-Idea tal-Letteratura*, cit., p. VII.

[104] P. Falzon, 'Minn fomm il-kittieb... Oliver Friggieri,' *Il-Mument*, 24/5/1987, pp. 10-11.

introversi u jipproduċu xogħlijiet psikoloġiċi, ir-relevanza hi awtomatika u inevitabbli.[105] L-iskop tal-letteratura bħala effett soċjali jitnissel waħdu mqar jekk ma jkunx ippjanat mill-awtur. Bħal kull qasam artistiku ieħor, il-letteratura teżisti dejjem f'relazzjoni mas-soċjetà.

**Għeluq**

Minkejja l-perjodu qasir tad-dibattitu estetiku f'Malta, xorta waħda nistgħu niftaħru li l-kittieba Maltin, l-istess bħall-kittieba barranin kienu jħossu l-ħtieġa li jiktbu r-riflessjonijiet u s-sentimenti tagħhom dwar dak kollu li kien qiegħed iseħħ fid-dinja letterarja. Urew li f'ebda żmien ma kienu maqtugħin mill-bqija tal-kontinent u li dejjem żammew ruħhom aġġornati. Iddiskutew temi diversi li meta jittieħdu kollha f'daqqa juru l-iżvilupp tal-mixja estetika, letterarja Maltija.

Josette Attard

[105] Ibid., p. 11.